## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 201/24

**Il-Lussemburgu, 19 ta' Diċembru 2024**

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-185/24 u C-189/24 | [Tudmur] [1]

# Politika tal-ażil: Is-sospensjoni unilaterali tal-miżuri ta' trasferiment ta' applikanti għall-ażil minn Stat Membru responsabbli ma tiġġustifikax waħedha l-konstatazzjoni ta' difetti sistemiċi

*L-eżistenza ta' tali difett tista' tiġi stabbilita biss wara analiżi konkreta, ibbażata fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati*

Din il-kawża tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III [2] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida.

Żewġ ċittadini Sirjani, RL u QS, ippreżentaw applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja. Madankollu, l-Italja ġiet identifikata bħala l-Istat Membru responsabbli [3]. Għalhekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu lill-Italja tieħu responsabbiltà għal RL u għal QS. Din it-talba baqgħet mingħajr tweġiba. L-awtoritajiet Ġermaniżi sussegwentement ċaħdu l-applikazzjonijiet għall-ażil bħala inammissibbli minħabba li l-Italja kienet responsabbli għall-eżami ta' dawn l-applikazzjonijiet għall-ażil. Huma ordnaw ukoll it-tneħħija ta' dawn l-applikanti lejn l-Italja.

Ir-rikorsi tal-applikanti għall-ażil kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Ġermaniżi jinsabu attwalment quddiem il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land tan-Nordrhein Westfalen, il-Ġermanja, li hija l-qorti tar-rinviju. Matul il-proċeduri tal-appell, l-unità Dublin Taljana bagħtet ittra ċirkulari lill-unitajiet Dublin kollha li permezz tagħha hija talbet lill-Istati Membri jissospendu temporanjament it-trasferimenti kollha lejn l-Italja għal raġunijiet tekniċi. Permezz ta' tieni ittra, l-unità Taljana kkonfermat in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' akkoljenza minħabba l-għadd kbir ta' wasliet iżda wkoll fid-dawl tan-nuqqas ta' postijiet ta' akkoljenza disponibbli. F'dan il-kuntest, il-qorti Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi kjarifiki dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III, b'mod partikolari dwar l-eżistenza ta' difetti sistemiċi fi Stat Membru indikat bħala responsabbli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li **l-fatt li Stat Membru jkun issospenda unilateralment it-teħid ta' responsabbiltà għall-applikanti għall-ażil ma huwiex ta' natura waħdu li jiġġustifika l-konstatazzjoni ta' difetti sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet tal-akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, fil-kuntest tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, b'mod partikolari tar-Regolament Dublin III, għandu jiġi preżunt li t-trattament irriżervat għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali f'kull Stat Membru huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Karta [4], tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati [5], kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [6].

Ir-Regolament Dublin III jistabbilixxi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex tkun tista' tiġi kkonstatata l-impossibbiltà tat-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istat Membru responsabbli. Fil-fatt, huma biss id-"difetti sistemiċi" li "jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-[Karta]" li jirrendu dan it-trasferiment impossibbli. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel kundizzjoni, id-difetti għandhom jkomplu

jeżistu u jkunu jirrigwardaw, b'mod ġenerali, il-proċedura tal-ażil u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza applikabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew tal-inqas għal ċerti gruppi tagħhom u, barra minn hekk, dawn għandhom jilħqu livell partikolarment għoli ta' gravità, li jkun jiddependi mill-informazzjoni kollha tal-każ. It-tieni kundizzjoni, relatata mal-eżistenza ta' riskju ta' tali trattament, tkun issodisfatta meta d-difetti sistemiċi jkunu jwasslu għal riskju, għall-persuna kkonċernata, li tkun esposta għal trattamenti li jmorru kontra l-Artikolu 4 tal-Karta.

Hija l-qorti adita b'rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment li għandha twettaq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali difetti sistemiċi u tar-riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta. Dik il-qorti tista', f'dan il-kuntest, tieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti kollha disponibbli, bħal, jekk ikun il-każ, ir-rapporti regolari u konkordanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali li jirreferu għad-diffikultajiet prattiċi li ġġib magħha l-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil fl-Istat Membru kkonċernat, dokumenti maħruġa mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR), kif ukoll dokumenti u skambji ta' informazzjoni li jkunu saru fil-kuntest tal-implimentazzjoni tas-sistema li tirriżulta mir-Regolament Dublin III.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida.

[3] Fil-fatt, ġie stabbilit li l-pajjiż li dawn iċ-ċittadini l-ewwel daħlu fih kien l-Italja, li għaldaqstant tqieset li kienet l-Istat Membru responsabbli.

[4] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[5] Il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol 189, p. 150, Nru 2545 (1954)), li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 u li ġiet ikkompletata permezz tal-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż f'New York fil-31 ta' Jannar 1967 u li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967.

[6] Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.